# DAWL TA' TAMA

## GĦAQDA

Jidħak id-dawl ta' l-aħħar xemx: fil-baħar
jgħaddi ħiemed id-dell ta' xi ħajbura:
lil hinn fejn l-oqsma tħaddar, deheb u fidda
jilagħbu fuq il-ġmiel ta' dik il-ħdura.
Il-qamar tiela', ġamra nar, mix-xefaq
ta' safa u ħmura: fuq l-uċuħ slimija
tixgħel miljet id-daħk li hemm fil-għoli
tbajjad u tħeġġeġ kullimkien bid-dija.
Hieni l-ħaddiem jerġa' mix-x'għol għal daru,
hienja t-tislima tilqgħu ħada l-bieb,
u l-kelma għasel li tgħaddilu martu
hi kelma bnina, kif ukoll tal-ħbieb
il-ħajr hu safi. Sliema, sliema, sliema
tintradd ġo dik id-dar mill-hemm miftuma,
fejn jimraħ l-hena taċ-ċkejknin: f'ħarsithom
bħal f'mera jiddi l-ferħ ta' tfal li huma.
Qatt mal-mixja tas-snin f'dik id-dar ġenna
m'għaddiet qalila l-ħsara, u b'difrejha
barxet il-ġieħ, l-imħabba. Ħelwa xirfet
xemx is-Sewwa kuljum, u tbissmet lejha.

## IMĦABBA

Meta, mitfi u mriegħed,
id-dawl tal-qamar kien jidħol mit-tieqa,
u bħall-mewġa lubiena
li tbus ix-xtajta, hekk ibus in-nieqa
fejn tidħak it-tarbija
rajtek, missier ħanin, tersaq qajl qajla
bl-imħabba tfur minn qalbek,
u tross ma' sidrek dik il-ġmiel ta' tfajla:
Saħħrek il-ħars imbissem
li xiref, kollu ħlewwa, minn għajnejha,
u saħħrek id-dmugħ ġawhar
li, sħun, ġelben u żżerżaq ma' ħaddejha.
Ħassejt, dak il-ħin, xrara
tikbes fi ħsiebek ta' l-imħabba sħiħa:
għaddiet ma' demmek rogħda,
u ngabru sfieq xuftejk f'bewsiet ferrieħa,

għax fit-tbissima kbira
ta' dik iċ-ċkejkna, rajt ix-xebh u l-ħajja
ta' dak li kien: ħanina
firxet dijitha, u s-sebħ ta' l-isbaħ ġrajja
fuq ġbinek iż-Żgħużija:
u dlonk f'għajnejk iġġawhret, safja, d-demgħa
oħla mill-ward tal-ġnejna,
u mill-ward l-ieħor li jilgħab fis-sema.

TAMA

Bħal riefnu jaqleb fuq irwiefen oħra
hekk jgħaddi ż-żmien: il-Lum jitfa' d-dell tiegħu,
u tisma' l-Għada jħabbat wara biebek
bin-niket ta' ħajjiet illi jġib miegħu.
Kienet bla heda f'dik id-dar imbierka
—fejn ħaqq u sliema taw ħelsien u serħ,
fejn qalb ta' omm inġabret f'bewsa hienja,
fejn ħaddiem twajjeb beka dmugħ ta' ferħ—
kienet ix-xemx taqsam mill-ħajr ta' ġewwa
u tħammar il-ħaddejn ta' tfal li ġmielhom
jisboq il-ġmiel tal-ġonna: ħlejju u safi
kien jirgħa l-mewġ tad-deheb u jsebbaħ dlielhom.
'Ma r-riefnu ħakem dik l-għamara u ħarbat
il-barka ta' ġo fiha: swied ta' qalb
ħemmed il-ħeġġa tat-tbissim, u d-dalma
tal-ħsieb infirxet fuq l-uċuħ. It-talb
ma jistrieħ qatt, u t-tama tiżhar dejjem,
għax biss fit-talb u fit-tamiet qawwija
tilmaħ, waqtiet, is-Sebħ, sultan ta' dari,
jidħaklek dik id-daħka taċ-ċkunija.

Ġużi Chetcuti

Jannar, 1936